MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 1154/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Anthony Borg**

**Gerald Bugeja**

**-omissis-**

**-omissis-**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Anthony Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 559976(M) u Gerald Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 301562(M).

Akkuzati talli:

1. Nhar it-8 ta' Gunju 2014 bejn is-siegha ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00hrs), volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Liza Pace detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 302775M u/jew persuni ohra u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot 607 bin-numru ta' registrazzjoni ACb 486, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros 1164.67;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

-omissis-

Stante ammissjoni tal-akkuzati u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghataw z-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom, u stante illi huma hallsu pjenament a saldu ta' kull pretensjoni l-ammont kollu dovut minnhom, ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati Anthony Borg u Gerald Borg hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda

tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputati, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------